IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Marzu - April 1996 Nru. 89

## IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

# IĊ-ĊIRKU TAL-FERĦ

Darba waħda, m'ilux wisq, wieħed bidwi resaq lejn il-bieb ta' kunvent u ħabbat b'saħħtu kollha. Meta l-Fra Purtinar fetaħ il-bieb ofixon li kienu għaddew minn fuqu mijiet ta' snin, il-bidwi kollu ferħan u bi tbissima fuq wiċċu, urih għanqud għeneb mill-isbaħ.

"Fra", qallu l-bidwi, "taf lil min nixtieq nagħtih dan il-għanqud għeneb, l-isbaħ wieħed li qatt għamlet id-dielja tiegħi?"

"U tgħid mhux lil Pirjol, jew inkella lil xi patri ieħor li jinsab f'dan il-kunvent!" kien pront wieġeb il-Fra.

"Le! Ma qtajtx!", qallu l-bidwi. "Dan għalik!"

"Għalija?!" Il-Fra Purtinar sar aħmar peprina, filwaqt li ferħ kbir mela l-qalbu. "U dan ta' x'hiex?" staqsa lill-bidwi.

"Għaliex inti dejjem ilqajtni b'imħabba kull darba li ġejt hawnhekk fil-kunvent tagħkom. Inti dejjem għintni, kull darba li kelli bżonn ta' xi ħaġa. Jiena rrid li dan l-għanqud għeneb jagħtik ftit tal-gost". Il-ferħ sempliċi u jixgħel fuq wiċċ il-Fra kien biżżejjed biex jimla' bil-ferħ lill-bidwi wkoll.

Il-Fra żamm l-għanqud quddiemu, u għadda ġurnata sħiħa jħares lejh u dommu jtiegħem il-benna tiegħu. Kien verament għanqud mill-aqwa. Iżda f'ħin minnhom ġietu idea. "Issa kieku nieħu dan l-għanqud tal-għeneb lill-Pirjol, min jaf kemm jieħu gost bih? Xejn xejn nagħmel kuntent lilu wkoll!"

Qabad u ħa dak l-għanqud lill-Pirjol. Dan ħass qalbu timtela' bil-ferħ, u radd ħajr lill-Fra. Iżda, x'ħin kien waħdu, ftakar li fil-kunvent kien hemm patri xwejjaħ marid u l-Pirjol qal: "Taf x'nagħmel: ħalli nieħu dan l-għanqud u nagħtih lix-xwejjaħ patri, miskin. Xejn xejn iħossu kuntent hu wkoll!"

B'hekk l-għanqud tal-għeneb sab ruħu fiċ-ċella tal-patri xwejjaħ. Dan il-Patri marid iddeċieda li jagħti dak l-għanqud lil Patri l-Kok, biex permezz tiegħu jgħidlu grazzi ta' tant taħbit li kien iħabbtu biex iħejjilu ikel adattat għalih. Il-Patri l-Kok għaddih lill-Patri s-Sagristan, filwaqt li s-Sagristan għaddih lill-iżjed Patri żagħżugħ fil-Kunvent. Dan qabdu u mar jagħtih lill-Patri ieħor, u dan ta' l-aħħar, qabad l-għanqud li kien għadu kif irċieva ingħand il-Patri żagħżugħ u ħadu lil Fra il-Purtinar.

B'hekk ingħalaq iċ-ċirku. Ċirku ta' ferħ u ta' imħabba. Ċirku li għamel tant patrijiet kuntenti u ħenjin.

Li kieku l-bnedmin kollha nieqfu naħsbu ftit biex "nagħtu xi ftit mill-ferħ tagħna lil xulxin", id-dinja kollha issir ċirku ta' ferħ. Iżda l-problema prinċipali tinsab filli lkoll kemm aħna naħsbu li l-ewwel pass għandu jsir mill-persuna l-oħra u mhux minna. Minħabba f'hekk jiġri li ma nibdew qatt.

Dan hu l-Awgurju tiegħi għall-Għid il-Kbir! Ejjew kull wieħed u waħda minna naqsmu ma' l-oħrajn il-veru ferħ ta' Kristu Rxuxtat.

*Mons. Salv Borg*

## L-Għid it-Tajjeb lill-Kulħadd

IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.
Tel: 55 63 77

**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI**

1.2.96: **MONICA,** bint Anthony Caruana u Emanuela nee' Mizzi
10.2.96: **SARAH,** bintJoseph Vella u Doreen nee' Muscat
24.2.96: **MARCUS,** iben Tddie Borg u Gillian nee' Mellor
25.2.96: **DANIEL,** iben Angelo Attard u Maryanne nee' Galea
2.3.96: **MATTHIAS VICTOR,** iben Manfred Eckert u Karen nee' Camilleri
3.3.96: **ANDREA,** iben Edward Cauchi u Elizabeth nee' Cauchi
10.3.96: **NICOLE,** bint Carmel Galea u Joann nee' Vella
10.3.96: **DENNIS,** iben Frank Tabone u Roseanne nee' Sultana
17.3.96: **ANTHONY,** iben Baskal Grech u Maria nee' Sacco

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

04.02.96: GIOVANNA GRECH
19.02.96: ĠUŻEPPI BORG
03.03.96: MARIJA REFALO

**Offerti taghkom b'risq ir-Rivista**




| | |
|---|---|
| Kan. S. Camilleri: | Lm2 |
| Mr.& Mrs. Philip Abela (Kanada) | Lm7 |
| T. Tabone (Victoria) | Lm2 |
| M. Grech (Victoria) | Lm1 |

***Tinsiex il-Ġiti li qed torganizza l-Parroċċa għal dan is-Sajf***

***DETTALJI MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI***

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA:**

*Matul il-Ġimgħa:* Fil-5.30pm u fis-7.00pm
*Ħdud u Festi* : Fil-5.00pm u fis-6.30 pm

# Editorjal

## IR-REBĦA TA' KRISTU



Fi ftit ġranet oħra niċċelebraw l-ikbar festa fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja - l-Għid il-Kbir - it-tifkira tal-qawmien mill-mewt tas-Sinjur Tagħna Ġesu' Kristu.

Kull nisrani jkun mitlub biex matul ir-Randan jipprepara ruħu għal din il-festa kbira billi jiċċaħħad minn xi affarijiet, jitlob iktar, jagħmel xi sagrifiċċju u jgħarbel lilu nnifsu biex jekk sejjer żmerċ f'xi ħaga jipprova jirranġa. Matul ir-Randan li kważi wasal fit-tmiem suppost li għa,milna dan kollu biex it-tifkira tal-Qawmien mill-Mewt ta' Kristu tkun tfisser għalina bidu ta' ħajja ġdida fil-grazzja t'Alla.

Iżda kultant jidħollok dubju kemm verament qed nintebħu li din hija l-ikbar festa tagħna l-insara. Bħalma qed nagħmlu b'fesi oħra qed nagħmlu wkoll mill-Għid il-Kbir. Kulma jmur qed jkunu ġranet ta' konsumiżmu ikbar u kulma jmur qed inħarsu biss lejn il-kummerċ li joħolqu festi bħal dawn. Is-sens veru tagħhom qed ninsewh u kultany qed ninsewh tant li bilkemm għadna nafu l-vera tifsira tagħhom.

San Pawl, f'waħda mill-ittri tiegħu jgħidilna bla tlaqliq li kienet tkun bla pedament il-fidi tagħna kieku Kristu miet għalina u l-istorja waqfet hemm. Kienet ir-rebħa tiegħu fuq il-mewt li tat sens lill-fidi tagħna. Pero' aħna kif aħna, mehdijin fil-ħajja mgħaġġla ta' llum donnu li qed ninsew il-kobor ta' dan l-għid u ta' spiss ninsew il-valur tiegħu.

L-Għid it-Tajjeb li nixtieqxu lil xulxin u l-ferħ ta' l-Għid li għandu jidher f'kull nisrani awtentiku f'dawn il-ġranet għadu jkollhom għalina tifsira iktar profonda milli fil-fatt jidher li qed ikollhom. Kull nisrani għandu jħoss li din hija verament il-festa tiegħu, ikbar mill-festa tal-parroċċa, ikbar mill-jum tat-tieġ jew l-anniversarju tiegħu, ikbar mill-birthdays li niċċelebraw, ikbar minn kull festa oħra li nistgħu noħolmu biha! Jekk nemmnu fil-kobor ta' dan il-jum glorjuż u nicċelebrawh kif inhu xieraq żgur li nifhmu iktar l-imħabba bla tarf li għandu l-Mulej għalina u nigħixu ħajjitna b'iktar impenn nisrani.

***L-GĦID IT-TAJJEB LILL-KULĦADD***

**ĠABRA TAD-DISKORSI LI SARU BIEX IFAKKRU LILL-MONS ARĊIPRIET ALFONS MARIJA HILI**

Fl-Akkademja Mużiko-Letterarja
u Kxif u Tberik ta' Lapida
Is-Sibt 13 ta' Jannar 1996

u Fiċ-Ċerimonja tal-Kxif u Tberik ta' Monument f'ġieħu Fil-Bażilika Ta' San Ġorġ
Il-Ħadd 14 ta' Jannar 1996



## Diskors ta' l-E.T. DR. UGO MIFSUD BONNICI President ta' Malta, li sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ il-Ħadd, 14 ta' Jannar 1996 fl-okkazzjoni tal-Kxif tal-Monument f'ġieħ l-Arċipriet Alf. M. Hili

*Eċċ. Mons. Isqof, Onor. Ministru, Onor. Deputati, Sinjuri:*

Ikkommovejt ruħi b'kelma żgħira li hawn fit-Talba tal-Fidili, illum, li min kitibha, kitibha b'mod approprijat ħafna. Qal: ***"Agħtihom il-ġejjieni li xtaqulhom u tħabtu għalih missirijietna".*** Għaliex wieħed iħares lura lejn dak li għamel l-Arċipriet Hili u li għamlu missirijietna wkoll. Jiena rrid ngħid li għandi rikordju ta' dik il-kommemorazzjoni li saret hawn 52 sena ilu. Jiena ġejt hawn ma' missieri, li kienet l-aħħarġurnata li libes is-Surtun. U niftakar kien ikkommwova ruħu f'dik l-okkażżjoni, u allura għad għandi kemm kemm eku fija ta' dik il-ġurnata.

Pero', biex wieħed jeħodha fuq pjan iżjed kbir, iktar għoli, irridu niftakru kif kienu f'dawk iż-żmenijiet il-gżejjer tagħna, f'liema stat kienu. Meta naħsbu kultant li kellna deputati qassisin, kultant ngħidu: "Kif, dak iż-żmien il-qassis kellu bżonn ikun ukoll fil-Parlament?" Illum b'distinzjoni iktar għaqlija, il-qassisin mhumiex fil-Parlament, għalkemm huma ċittadini bħal ħaddieħor u għandhom id-dritt u d-dmir li jgħinu lil Art Twelidhom.

Dak iż-żmien, pajjiżna ma kellux, l-anqas riżorsi umani biex jista' jmexxi lilu nnifsu, anke fil-qasam sempliċement ċivili, u kien ħafna drabi jaqa' biex jitlob lil kulħadd, qassisin u nies oħra, ħalli jgħinu fil-kisba tad-drittijiet tagħna. Qed ngħidu, meta tela' fil-Parlament l-Arċipriet Hili, biżżejjed insemmgħu li Għawdex l-anqas kellu l-luce elettrika. Qed ngħidu Għawdex: iżda anke Malta u Għawdex kienu għadhom fi stat kemmxejn lura.

U missirijietna, hawn qed ngħid l-Arċipriet Hili u dawk kollha ta' dik il-ġenerazzjoni riedu li pajjiżna jimxi 'il quddiem. Ħadmu biex jixterrdu l-iskejjel, f'Malta u f'Għawdex, u b'hekk ikun hawn ukoll iktarnies li jistgħu jidħlu għal dan ix-xogħol ta' tmexxija tal-pajjiż; biex ikun hawn l-infrastruttura l-iktar elementari, imma imbagħad biex ikollna l-liberta' bħala nazzjon, illi niddeċiedu aħna xi rridu nagħmlu bina nfusna.

Ħaġa din li toħroġ bħala ispirazzjoni fid-diskorsi li għamel l-Arċipriet Hili, għax jolqtok il-fatt li għalkemm kien deputat li telgħa bħala partii minn partit politiku, id-diskorsi tiegħu ma kien xejn, la settarji, u l-anqas biss marbutin ma' ideoloġija politika, iżda kellhom aspirazzjonijiet li huma universali għall-poplu tagħna kollu. Dan kollu joħroġ mid-diskorsi li huwa għamel meta kien fil-Parlament u juri li l-Arċipriet Hili kellu spirtu universali. Xtaq il-ġid ta' pajjiżu; xtaq il-ġid tal-bnedmin. Huwa wettaq dan fil-masjoni tiegħu meta kien fil-Parlament, kif għamel dan ukoll fil-ħajja tiegħu waqt li kien Arċipriet hawnhekk, fir-Rabat.

Jiena nħossni onorat illum li ġejt mitlub nikxef dan il-Monument, għax huma nies bħall-Arċipriet Hili li bnew ħajjitna, huma nies bħalu li taw idea ta' dawk iż-żmenijiet, meta xi wħud anqas kienu jirrealizzaw aħna x'nistgħu nkunu. Jiena għadni niftakar illi 52 sena ilu, nies tal-ġenerazzjoni , qed nara hawn quddiem bosta li huma koetaneji tiegħi, kemm kien hawn f'pajjiżna nuqqas ta' fiduċja fina nfusna. Mhux biss, jiġifieri kien hawn diffikulta' li ma kellniex ċerti ħwejjeġ, anqas konna nemmnu li naslu għalihom. Irridu nagħtu ġieħ lil dawk in-nies, li f'dak iż-żmien, imbagħad, saħħew fil-poplu Malti u Għawdxi l-fiduċja fih innifsu, li jkun kapaċi jmexxi għal rasu, li hekk biss jista' jimxi 'il quddiem il-pajjiż.

Dawn kienu pijunieri li ħaqqhom il-monument li llum ser jinkixef fil-knisja, u jiena nirringrazzja lilhom, lin-nies ta' żmienhom, u jiena nħeġġeġ lin-nies ta' żmieni, biex inkomplu fl-istess linja, immexxi lill-pajjiżna iktar il-quddiem. Għad għandna x'nagħmlu. Pajjiżna kollu laħaq ċertu grad, imma għad għandu fejn jimxi 'il quddiem. U l-eżempju ta' Mons. Hili għandu jixprunana ilkoll biex naħdmu għal dan l-iskop. ■

## Diskors ta' l-Arċipriet MONS. SALV BORG waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja f'ġieħ Mons. Alfons Marija Hili, Arċipriet tar-Rabat

F'din l-okkażżjoni hekk sabiħa ta' l-lejla: okkażżjoni li ġabritna flimkien sabiex inwettqu dmir li aħna għandna, u niskontaw dejn li kien qed jagħfas fuqna fir-rigward ta' persunaġġ kbir, il-Wisq Rev. Mons. Alfons Marija Hili, Arċipriet tal-Belt Victoria, xieraq li fil-qosor ħafna nitfgħu ħarsitna lejn il-Missjoni Qaddisa u xejn ħafifa li l-Kappillan iwettaq b'risq il-merħla li Alla jkun afdalu f'idejh. Dan ser nagħmluh sabiex ilkoll kemm aħna nifhmu xi ftit mill-ħidmiet li l-Arċipriet Alfons Marija Hili wettaq kemm dam Ragħaj Spiritwali tal-Belt Victoria, il-merħla afdata f'idejh.

Il-Ragħaj u l-Merħla! Żewġ realtajiet li jmorru flimkien. Waħda titlob lill-oħra. Waħda m'hi xejn mingħajr l-oħra. L-istess bħalma huma s-Sultan u s-Saltna, l-Missier u l-Familja, id-dielja u l-frieghi, r-Ras u l-membri l-oħra tal-Ġisem.

Ir-Ragħaj li fih naraw lil Kristu preżenti fil-Papa. Il-Papa preżenti fl-Isqof. L-Isqof preżenti fil-Kappillan. Il-Merħla li fiha tidher l-Umanita' preżenti fil-Knisja. Il-Knisja preżenti fid-Djoċesi; id-Djoċesipreżenti fil-Parroċċa. Il-Kappillan iwettaq il-Missjoni tiegħu f'isem l-Isqof; l-Isqof iwetaaq il-missjoni tiegħu f'isem il-Papa; il-Papa jwettaq il-Missjoni tiegħu f'isem Kristu. Il-Parroċċa hija bint id-Djoċesi, id-Djoċesi hija bint il-Knisja, il-Knisja hija bint l-Umanita'.

Quddiem din in-nisġa, aħna li għandna l-fidi nisranija, jkollna nammettu li l-



Missjoni ta' Kappillan hija missjoni nobbli u qaddisa. Wieħed mill-Għorrief tal-Knisja, San Ġwann Grisostmu igħid li ***"l-aqwa arti hija t-tmexxija ta' l-Erwieħ".*** Hu fatt, li nistgħu ngħidu mitt elf ħaġa dwar il-pastorali, dwar il-kura ta' l-erwieħ, dwar il-ħidma tal-Kappillan u tar-rgħajja spiritwali. Nistgħu nqattgħu sigħat sħaħ infissru kemm hi sabiħa u nobbli il-missjoni tal-Kappillan.

Iżda l-lejla nixtieq nitkellem dwar il-ħidma tal-Kappillan, billi npoġġi quddiemna l-figura ta' Ġesu', li fl-aħħar ill-aħħar kien l-aqwa Ragħaj ta' l-erwieħ, l-aqwa Isqof, l-aqwa kappillan. X'għamel Ġesu'?

L-Evanġelista San Luqa jgħidilna li ***"kien ikellem lill-folol, ifejjaq il-mard li kellhom, u imbagħad għamel il-miraklu biex temgħahom".*** Nistgħu għalhekk il-missjoni ta' kappillan ninġbruha fi tlett azzjonijiet:

* Il-Kappillan ikellem lill-poplu;
* Il-Kappillan ifejjaq spiritwalment;
* Il-Kappillan jagħti wkoll l-ikel spiritwali.

### ■ L-EWWELNETT JITKELLEM

Jitkellem biex jgħallem. Dari l-pulptu kien il-post li min fuqu kienet tiġi mfissra l-kelma t'Alla. Kien il-Kattedra li minn fuqha kien joħroġ dak it-tagħlim li jdawwal il-moħħ, ikebbes il-qalb, jiċċara l-ideat, isaħħaħ il-fidi, jimla' bit-tama u jħeġġeġ bl-imħabba.

U bla ebda tlaqliq, nistgħu ngħidu li l-Arċipriet Alfons Marija Hili ħaddmu dan il-post, dan il-Pulptu. Hu kellem lill-merħla afdata f'idejh. U kellimhom mhux dwar l-ideat tiegħu personali, iżda wasslilhom il-Kelma ta' Alla, it-tagħlim ġenwin, it-tagħlim ortodoss, it-tagħlim rivelat minn Alla u li Omnna l-Knisja tipproponielna. Il-Messaġġ ħaj li jserraħ il-qalb u jimla' bil-kuraġġ.

U kellhom bżonnu dan is-serħan tal-qalb u dan il-kuraġġ. Ma rridux ninsew li s-snin tal-parrokkat tiegħu kienu snin diffiċli. Il-firdiet politiċi tas-snin ta' qabel, il-faqar, il-mard, it-theddid ta' gwerra mondjali oħra, li imbagħad saret realta' kien ix-xenarju, l-ambjent li fih għallem Dun Alfons lill-merħla afdata f'idejh. U l-merħla ġriet tisimgħu, għax fehmet li l-kelma tiegħu kienet il-kelma ta' missier li jrid il-veru ġid lil uliedu.

Matul il-parrokkat tiegħu, jgħidulna nies li kienu jafuh sewwa, kien jitkellem biex iwissi ħalli dak li jkun jiftaħ għajnejh, kien iwiddeb biex jevita l-ħsara milli sseħħ, kien jinkoraġġixxi biex jagħmel il-qalb. Naturalment, f'dan kollu kien iħaddem il-prudenza u l-karita' fraterna.

Ragħaj li jaf jitkellem, għandek issib fih Ragħaj li jaf jisma'. U l-Arċipriet Hili kien dan ir-Ragħaj: jisma', jixtarr, jistudja. Kien il-bniedem ta' kulħadd, li kellu post għal kulħadd, li ħabb lil kulħadd. Għalhekk in-nies ħabbitu, għalhekk in-nies bkietu f'mewtu. għalhekk in-nies li kienu jgħixu fi żmienu baqgħu isemmgħuh bi stima u b'rikonoxxenza.

### ■ IL-KAPPILLAN IFEJJAQ

Il-ħidma ta' Kappillan ma tikkonsistix biss filli jitkellem. Hu għandu wkoll il-missjoni li jfejjaq. Bil-kelma fejqan, aħna nifhmu l-ewwel u qabel kollox, il-maħfra tad-dnubiet. U bħalma, fil-Knisja, l-Pulptu kien il-post minn fejn il-Kappillan setgħa jitkellem, fl-istess Knisja hemm ukoll il-post tal-fejqan tar-ruħ: il-konfessjonarju.

Kemm bnedmin imtaqqla' bil-mardiet spiritwali jinżl għarkobtejhom fil-konfessjonarju, u kollha sogħbiena u mimlija proponiment li qatt iżjed ma jżidu joffendu "l Alla, jitolbu l-maħfra, u jqumu minn hemm bnedmin ġodda, ferħana bil-ħbiberija ristabilita ma' Alla, imfejjqa għal kollox mill-mard li jkun qed jifnihom.

L-Arċipriet Alfons Marija Hili ħabb il-Konfessjonarju u numru kbir ta' bnedmin kienu jersqu sabiex iqerru għandu. Il-kelma tiegħu, il-pariri li kien jagħti, il-ħlewwa ta' kliemu komplew jagħtu l-kontribut tagħhom biex il-merħla midinba tersaq u titlob il-maħfra f'riġlejh.

L-Arċipriet Hili kien dejjem attent biex jagħraf sewwa il-ħtiġijiet ta' dawk in-nies. Kien dejjem attent għas-suxxettibilita' ta' ċerti penitenti, għas-sensibilita' ta' ċerti qlub li jkunu tbegħdu minn Alla. Hu għaraf dejjem isib il-balzmu li jdewwi u jfejjaq. Hu żamm dejjemmf'moħħu l-kelmiet ta' l-Iskrittura Mqaddsa: ***"Tweġiba mogħtija bil-ħlewwa, ħafna drabi tfarrak l-għadab u l-korla".***

### ■ IL-KAPPILLAN JITMA'

Fl-aħħarnett, huwa dmir tal-Kappillan li jitma' spiritwalment lill-merħla afdata f'idejh. U biex jagħmel dan għandu f'idejh, bħal kull saċerdot ieħor l-Ewkaristija Mqaddsa. Ma nistgħux nifirdu l-missjoni ta' Kappillan mill-Ewkaristija. Dan huwa r-Rigal fuq ir-rigali kollha li l-Kappillan joffri lill-Insara.

Il-Kappillan, biex jaqdi sewwa din il-missjoni tiegħu b'konessjoni ma' l-Ewkaristija, irid iħossu fid-dmir, l-ewwelnett li hu stess ikollu imħabba kbira lejn dan is-Sagrament; it-tieni, irid jara li l-merħla afdata f'idejh tiddakkar hi wkoll minn din l-imħabba; u t-tielet, li jagħti dan l-Ikel tas-sema kemm lil dawk li jersqu l-Knisja u jitolbuhulu, kif ukoll lil dawk li fl-aħħar ħinijiet ta' ħajjithom, fuq is-sodda tal-mewt jitolbu dan il-manteniment li jgħinhom u jwettaqhom fl-aħħar mumenti tal-vjaġġ tagħhom bħala pellegrini fuq l-art.

L-Arċipriet Alfons Marija Hili jibqa' msemmi għall-ħin li hu stess kien jgħaddi jitlob quddiem Ġesu' Sagramentat. Kien dejjem iħabrek li jkabbar l-imħabba tal-merħla afdata f'idejh lejn Ġesù Ewkaristija. L-Adorazzjonijiet fi ġranet determinati, is-Siegħa Adorazzjoni ta' nhar ta' Ħamis, il-Festi Solenni tal-Kwaranturi Mqaddsa huma kollha mezzi mill-aqwa biex iressaq lil uliedu lejn l-Ewkaristija.

L-impenn tiegħu li l-parruċċani jirċievi l-Vjatku fid-dar tagħhom, għadu jissemma' sa' llum.

Din l-imħabba tiegħu lejn l-Ewkaristija ma għandha bżonn ta' l-ebda persuna biex tixhed għalih. L-Arċipriet Alfons Marija Hili ma kien jista' jasal qatt biex jagħmel dak li għamel, biex jagħti dak li ta, li kieku ma kienx mimli bil-qawwa ta' Ġesù Ewkaristija.

### ■ KONKLUZZJONI

L-Arċipriet Alfons Marija Hili spikka bħala Arċipriet għax qeda sewwa u fedelment dak li Alla ried minnu. Jiena ċert li hu, mill-post tat-tgawdija li Alla tah bħala premju tal-ħidma tiegħu għall- Belt Victoria, għas-servizz li hu wettaq b'risq pajjiżu u għal dak kollu li għamel fi ħdan il-knisja lokali, il-lejla qed jieħu gost jarana miġbura hawn flimkien sabiex ngħidulu grazzi u grazzi kbar, ta' dak li hu kien għalina, għall-Parroċċa li huwa tant ħabb, il-knisja Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri.

Jiena ċert ukoll li l-Patrun tad-Djoċesi tagħna u ta' Beltna, San Ġorġ Megalomartri, qiegħed hu wkoll jitbissimlna, hekk kif ninsabu hawn taħt din il-figura tiegħu tal-Ħaġar, iva qiegħed jitbissimlna f'din il-festa tal-lejla. Hu wkoll irid jingħaqad magħna biex isellem, jifraħ u jrodd ħajr lill-Arċipriet Alfons Marija Hili, għax hu wkoll jara fih bniedem kbir li wara s-saqaf ta' sidru kien hemm tħabbat qalb ġorġjana, sac'rdot għaref li serva lill-Pajjiżu u lill-Beltu, Benefattur kbir tal-Ulied kollha ta' Beltna u tal-Knisja Proto-Parrokkjali tagħhom. ■

## Diskors li sar qabel il-kxif tal-Monument lill-Arċipriet Hili minn DUN ĠUŻEPP FARRUGIA, Professur tat-Teoloġija fis-Seminarju ta' Għawdex u fl-Universita' ta' Malta.



*Eċċellenza Tiegħek, Sur President.*
*Eċċellenza Reverendissima, Mons. Isqof u Dekan ta' din il-Kolleġġjata.*
*Onorevoli Ministru għal Għawdex u Sinjura Tabone.*
*Sur Sindku tal-Belt Victoria.*
*Wisq Reverendi Monsinjuri u Kanoniċi.*
*Reverendi Sinjuri.*
*Sinjuri.*

Ilkoll kemm intom insellmilkom fuq kollox bħala Ħuti Nsara.

Xtaqtni qed insellem magħkom lill-Wisq Rev. Mons. Arċipriet Alfons Maria Hili. Imma l-Arċipriet Hili ilu li ħalliena aktar minn 52 sena.

Iżda qed ngħid sew meta ngħid "ħalliena"? Il-Fidi Nisranija li aħna lkoll tgħammidna fiha, hawnhekk iċċanfarni u tfakkarni li l-mewt ma tfissirx it-tmiem tal-preżenza tagħna għal xulxin. Għalkemm miet l-Arċipriet Hili għadu preżenti fostna, u dan, mhux biss b'ismu u f'tifkiriet ħidmietu, imma fuq kollox permezz tal-preżenza ta' mħabbtu: dik l-imħabba Nisranija li propju għax Nisranija, jiġifieri ta' Kristu, divina, soprannaturali, tissupera n-natura umana u l-limiti tagħha u tibqa' preżenti u effettiva.

L-imħabba Nisranija hi essenzjalment servizz. Infatti, kemm bħala Nisrani kif ukoll bħala Saċerdot, l-Arċipriet Hili kien iħares lejh innifsu bħala "qaddej": qaddej fis-servizz ta' Alla u ta' dawk li huma b'mod speċjali ta' Alla, jiġifieri l-bnedmin. "Dun Alfons" - għax hekk kienu jsibuh dawk li ħabbewh - kien qaddej ta' Alla u tal-bnedmin, l-aktar ta' dawk l-iżjed nieqsa u dgħajfa fosthom.

Min kien jafu b'tali xehed għalih. Dawk fostna li kienu midħla tiegħu dan qalulna fuqu u għal hekk ifaħħruh. U aħna fid-dawl ta' din ix-xhieda nġbarna biex niċċelebraw il-preżenza tiegħu: Preżenza għażiża fostna! Eżempju siewi tagħna! Tifkira ħajja li jkun telf għalina k'nitilfuha! Nisrani, Saċerdot, Għalliem, Benefattur, Missier Spiritwali li Ismu rridu nżommuh, id-don tiegħu rroddu ħajr għalih u t-tifkira tiegħu ngħadduha lil uliedna.

Iva, lil uliedna ngħaddulhom: tifkira ta' **saċerdot** mogħni bil-għerf, bl-għaqal, bil-ħeġġa pastorali, bis-sabar li jakkumpanja t-tjubija, bid-disponibilta' ta' min iqis ruħu bi ċkejken quddiem ħaddieħor, bil-lealta' li tixraq lill-Knisja, bir-rigorożita' miegħu nnifsu u l-ġenerożita ma' kulħadd.

Tifkira ta' kanoniku lettur fil-knisja katidrali, kantur u mbagħad arċipriet li qeda d-dmirijiet kapitulari tiegħu dejjem, b'mod sħiħ u b'eżempju mill-aqwa għal sħabu ta' tjieba u qdusija.

Tifkira ta' missier spiritwali li minn mindu f'Jannar tal-1918 ħa l-pussess parrokkjali ta' din il-knisja, jiġifieri tal-parroċċa tal-Belt Victoria, sa mewtu ħadem bla heda għall-ġid spiritwali u materjali ta' l-erwieħ fdati lilu: mhux biss fehem il-ħtiġijiet tagħhom imma wkoll waqaf magħhom, mhux biss għaraf tbatijiethom imma wkoll iċċaħħad għalihom, mhux biss għallimhom bil-predikazzjoni tiegħu imma wkoll kaxkarhom bit-tjieba tiegħu, mhux biss rifes l-għetiebi ta' djarhom imma wkoll daħal fi qlubhom..

Lil uliedna ngħaddulhom: tifkira ta' **patrijott** li mħabbtu lejn pajjiżu ma wrihiex fit-tixrid ta' l-ideoloġija imma f'għidma għall-benefiċċju konkret tal-poplu. Meta, bl-għoti tal-kostituzzjoni tal-1921, qalulu li l-mument kien qed jitlob minnu li d-disponibilta' tiegħu fl-elezzjonijiet li kienu ġejjin, l-Arċipriet Hili ma baqax lura. U l-Għawdxin għażluh għall-Assemblea Leġislattiva bħala rappreżentant għad-distrett tagħhom - tela' bl-akbar għadd ta' voti fost l-erba' deputati minn Għawdex.

U l-Arċipriet Hili, bl-akbar lealta' tkellem għall-Għawdxin, tkellem għall-ifqar fosthom, tkellem għal dawk li kienu fil-miżerja mhux għax ma ridux jaħdmu iżda għax kien hawn nuqqas kbir ta' xogħol... tkellem għal Għawdex kollu. F'waħda mis-seduti ta' l-assemblea qal: "Il Gozo finora e' rimasto in una piena dimenticanza", - u żied - "e' venuto il tempo li fare giustizia". Biex isseħħ din il-ġustizzja ma' Għawdex issuġġerixxa li f'din il-gżira tagħna jkun hawn preżenza amministrativa b'nies li twettaq b'onesta' dmirijietha.

Dun Alfons ta s-servizz tiegħu lin-nazzjon. Konna għadna m'aħniex b'rajna f'idejna imma x-xewqa għall-akkwist tal-libertaijiet li qed ingawdu fi żmienna kienet ġa nisslet għeruqha u l-mixja lejn il-ġejjieni ta' liberta' u ġid li għalina hu "llum" kienet ġa bdiet. Iva, Dun Alfons ta sehemu f'din il-mixja u miegħu meddet l-ewwel passi tagħha.

Lil uliedna ngħaddulhom: tifkira ta' **Iben** il-Knisja li ħabb lil ommu u serviha b'lealta' u b'ubbidjenza: bħala segretarju privat ta' l-isqof, bħala rettur tas-santwarju ta' Pinu, bħala għalliem tax-xjenzi sagri fis-seminarju u rettur ta' din l-istituzzjoni ewlenija ta' gżiritna, bħala eżaminatur pro-sinodali, bħala direttur spiritwali ta' bosta reliġjużi, bħala kittieb imma fuq kollox bħala arċipriet tar-Rabat li minn din il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri wettaq dmirijietu kollha u wettaqhom sa l-aħħar.

Iva, tassew, huwa ma' din il-knisja li fiha aħna ninsabu miġbura li isem l-Arċipriet Hili hu l-aktar marbut u l-preżenza tiegħu l-aktar li tinħass bi sħiħ. Kien fi żmienu li din il-knisja nbidlet mill-lejl għan-nhar. Ispirat minn benefatturi oħra li ħabbewha bħal Mons Giuseppe Farrugia (Tal-Vers) u mgħejjun minn nies ta' ħila bħall-aħwa Dun Franġisk u Gużeppi Portelli, u minkejja "diffikultajiet kważi insuperabbli", Dun Alfons kabbar din il-knisja antika ta' Għawdex, saħħaħ ħitanha, fetaħ il-ġnub tagħha u bena madwarha navi u kappelluni u bit-tkomplija tal-koppla li issa telgħet - kif kien ħasibha l-arkitett Vittorio Cassar - tiddomina fuq il-binjiet medjevali tar-Rabat, għamel minn din l-ewwel knisja f'Għawdex mibnija fil-forma ta' salib Latin, l-aktar knisja arkitettonikament stupenda tal-gżira. Mhux Dun Alfons waħdu għamel mill-knisja ta' San Ġorġ dak li naraw illum, imma dak li naraw illum ma kienx ikun mingħajru!

Tabilħaqq, mhux biss minħabba t-tkabbir tal-knisja li jibqa' miftakar f'din il-bażilika l-Arċipriet Hili. Lanqas biss minħabba l-opri artistiċi oħra li għamel fiha bħall-ilbies sagru għall-festi ta' San Ġorġ li sar f'Lyons fi Franza u s-sett ta qniepen li nġabu fi żmienu permezz ta' Mons Farrugia minn Milan, l-Italja. Isem Dun Alfons jibqa' fuq kollox marbut ma' din il-knisja għax fiha wettaq bosta ħidmiet spiritwali, il-biċċa l-kbira tagħhom mistura għalina u magħrufa biss minn Alla. Min jista' jqis il-ġid li għamel bħala l-predikatur mill-aqwa li kien, bħala l-konfessur twajjeb li n-nies ħabbew, u bħala l-mexxej li iggwida l-merħla tiegħu bl-imħabba ta' missier!

"Figura maestuża" sejjaħlu l-futur arċipriet suċċessur tiegħu Mons Mikiel Cefai fl-orazzjoni funebri li għamel f'għeħu waqt il-funerali solenni li sarulu, xahar

eżattement fuq mewtu, f'din il-knisja parrokkjali li fiha, disa' u sebgħin sena qabel kien irċieva s-sagrament talmagħmudija.

Figura maestuża, tabilħaqq! Iben din il-knisja parrokkjali li jagħmel unur lill-fonti li minnu tnissel għall-grazzja. Saċerdot qaddis, għaref u karitattiv, dekor tal-kleru ta' din id-djoċesi. Deputat tal-poplu li ittraduċa l-fiduċja li l-Għawdxin urew fih f'ġid konkret għall-benefiċċju tagħhom bħala rappreżentant tagħhom fl-ambjenti tat-tmexxija tal-pajjiż. Ragħaj spiritwali ta' wlied din il-belt Victoria u benefattur talknisja parrokkjali tagħhom.

Insellimlek Mons Arċipriet Alfons Maria Hili. Insellimlek bil-kelmiet li naqqaxna f'xhieda tiegħek mal-ħajt taddar li fiha għext mal-familja tiegħek: B'fomm imheġġeġ int xandart il-kelma t'Alla. B'għemejjel ta' tjieba tajt xhieda ta' fidi Nisranija. B'qalb kbira ħabbjet l-ulied spiritwali tiegħek. Bħala saċerdot kont qaddej tagħhom. Bħala deputat fl-Assembla Leġislattiva ta' Malta tkellimt għalihom. Bħala Arċipriet tal-Belt Victoria għext magħhom u ħdimt fosthom u minn din il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn wettaqt sa l-aħħar il-ħidma pastorali tiegħek, qassamtilhom il-ġid mis-sema.

Insellmulek bil-ferħ, Dun Alfons, u nroddu ħajr lil Alla għalik.

Insellmulek bil-qima, u ngħożżu l-preżenza tiegħek fostna.

Insellmulek u ma ninsewx it-tifkira tiegħek.

Eżempju għalina, int... u għal uliedna. Grazzi. ■

## Diskors mill-Kan. Dun NIKOL VELLA APAP waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja



Sinjuri,

Inġbarna l-lejla, is-Sibt 13 ta' Jannar tal-1966 mhux biss biex nassistu għaċ-ċerimonja tal-kxif u t-tberik ta' lapida mad-dar fejn għex u miet l-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili, imma fuq kollox biex inroddu ħajr lil Alla li kien tana xempju ta' veru ragħaj tal-Parroċċa għażiża tagħna. Barra minn hekk sewwa u xieraq li nġeddu ftit il-memorja biex fil-qosor naraw ħalli nkunu nafu min kien l-Arċipriet Alfons Maria Hili.

Bħala iben il-Parroċċa ta' San Ġorġ u membru tal-Kapitlu tagħha nħossni tassew onorat li ser nitkellem fil-qosor dwar l-Aċipriet Mons Alfons Maria Hili, Dan, għax dejjem kelli qima kbira lejn il-figura kbira tiegħu, u kont l-ewwel li tfajt iż-żerriegħa biex jitwaqqaf monument tiegħu fit-tempju artistiku ta' San Ġorġ. Dan ukoll ngħidu b'wiċċi minn quddiem għaliex minħix ġej mill-ġebbieda tal-familja Hili jew Grech. Biss. kull min ħadem u ħabb lil San Ġorġ u t-tempju monumentali tiegħu għandi qima u stima lejh.

Tnejn u ħamsin sena ilu, fl-aħħar ta' Diċembru tal-1943 miet f'din id-dar l-Arċipriet Hili. Dak in-nhar il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kienet armata biddamask aħmar għall-festa ta' Ġesu' Marija. Ma' l-aħbar tal-mewt ta' l-Arċipriet Hili f'temp ta' siegħa l-knisja tneżżgħet mid-damask aħmar u tlibbset id-damask iswed bħala sinjal ta' luttu. L-għada l-1 ta' Jannar 1944 ġriet l-aħbar mar-Rabat u Għawdex kollu li miet l-Arċipriet Alfons Maria Hili.

Din l-aħbar kiebja mhux biss laqtet lil Għawdex kollu, imma b'mod speċjali lil dawk li għandhom għal qalbhom it-tempju ta' San Ġorġ.

L-Arċipriet Hili twieled fir-Rabat t'Għawdex fid-19 ta' Jannar 1865. Kien ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Kurat il-Kan. Dun Franġisk Mercieca. Barra mill-Arċipriet Hili fil-familja tiegħu nsibu tlett saċerdoti oħra ħutu li huma: Dun Ġużepp li kien l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana u li miet fis-7 ta' Marzu 1937; Mons. Karmelu li miet fit-18 ta' Diċembru 1955, u s-Suddjaknu Fra Ġorġ Kapuċċin li miet fis-27 ta' Lulju 1903. Fra Ġorġ kien studja l-Iskrittura Mqaddsa f'Ruma. Il-familja ta' Ġorġ u Agata mwielda Grech, kienet familja ta' ħdax u barra s-saċerdoti li semmejna kien hemm is-Sinjora ta' l-Iskola Primarja Marija Hili.

Dun Alfons kien ġie ordnat Djaknu meta kellu biss 23 sena. Kien ġie ordnat qassis fit-3 ta' April 1888 fil-Kappella tas-Seminarju ta' l-Isqof mill-Isqof Mons Pietru Pace. L-ewwel ħidma ta' Dun Alfons insibuha fis-Seminarju biex jifforma qalb is-seminaristi kbar. Mons Isqof Gann Maria Camilleri, Agostinjan, għal xi żmien żammu bħala kappillan tiegħu. Wara kien għażlu bħala Rettur tas-Santwarju Bażilika Ta' Pinu. Kien permezz ta' Dun Alfons li sirna nafu l-jum li fih l-Madonna kellmet lil Karmni Grima.

Lil Dun Alfons Alla żejjnu bid-don talpredikazzjoni. Dar mhux biss il-pulpti ta' Għawdex kollu imma wkoll dawk ta' Malta biex isemma' il-kelma t'Alla. Kellu kelma ċara, ħafifa u ddawwal u tqanqal l-erwieħ u tqaddishom.

Alla żejjnu wkoll bl-isbaħ doti ta' konfessur u direttur spiritwali. Ħadem xogħol moħbi u sieket, tant importanti u ta' ġid għall-Knisja.

B'konkors għall-Kanonku Lettur tal-Knisja Katidrali kien ġie magħżul fil-21 ta' Frar 1899 u ħa l-pussess fil-11 ta' Marzu ta' dikmis-sena. L-Isqof Gann Marija Camilleri kien għażel lil Mons Hili bħala Rettur tas-Seminarju fl-1910. Lil Mons Hili nsibuh bħala eżaminatur Prosinodali, Professur ta' l-Iskrittura Mqaddsa u tal-Liġi Kanonika fis-Seminarju tagħna.

Fl-1915 Mons Hili ġie magħżul bħala Kaonku Kantur tal-Knisja Katidrali flok il-mejjet Mons. Salvu Grech. L-Isqof Mons Gann Marija Camilleri kellu stima kbira lejn Mons Hili, hekk li kien għażlu segretarju tiegħu. Il-Papa Beneditt XV kien żejjen lil Mons Hili bit-titlu ta' Prelat Domestiku.

Fis-sena 1917 Mons Hili kien ġie magħżul bħala Arċipriet ġdid tal-Kapitlu Katidrali u Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Kien ħa l-pussess fil-Knisja Katidrali nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 1918 u fil-Knisja ta' San Ġorġ il-Ħadd 27 ta' Jannar.

L-Arċipriet Alfons Maria Hili baqa' magħruf wara mewtu għall-karita' kbira li wettaq mal-parruċċani kolha tal-Belt Victoria. Meta kien Arċipriet fejn ra l-faqar henn u ta lill-familji fqar u batuti. Nafu li l-membri tal-familja Hili kollha mietu fqar. Mons Ġużeppi Debrincat (1911-1987) li għex fil-familja ta' l-Arcipriet Hili kien jgħidli li qabel it-tberik tad-djar fi żmien l-Għid il-Kbir kien iqabbdu jgeżwer fil-karti flus talfidda biex jagħtihom lill-familji fqar u numerużi. Barra minn dan kien jibgħatu (lil Mons Debrincat meta kien għadu żgħażugħ) b'oġġetti ta' l-ikel għand il-familji fqar. Fi żmien l-Arċipriet Hili kien hawn fqar ma' Għawdex kollu u Mons Hili sa kien jixtri lożor u kutri lil xi familji filbżonn qabel tidħol ix-xitwa. Kien hemm każijiet ukoll fejn l-Arċipriet Hili mhux biss xtara xkejjer tad-dqieq għall-familji numerużi u fqar imma xi magna tal-ħjata 'Singer'.

Kienet mossa tajba u ġusta li biex l-Arċipriet Hili ma jintesiex u jibqa' imfakkar għal ta' warajna bħala Arċipriet ta' karita' kbira, li biċċa minn Triq Karita' tiġi msemmija għalih. Hawn ukoll ta' min ifakkar li Triq Karita' kienet imsemmija oriġinarjament għall-Fratellanza tas-SS.mu Sagrament tal-Parroċċa ta' San Ġorġ imwaqqfa fis-16 ta' Awissu 1620 bil-Bolla tal-Papa Pawlu V. Il-Madonna tal-

Karita' ta' fejn hemm in-nicca taghha hadet l-isem 'Tal-Kárita" minn din il-Fratellanza ta' San Ġorġ.

Fl-elezzjoni tal-1921 l-Arċipriet Hili kien ġie magħżul membru Parlamentari. Meta kien fil-Gvern kien ġab is-servizz tal-vapur mill-Marfa għall-Imġarr. Qabel it-trasport lejn Malta kien minn xatt sa xatt.

Imma l-Arċipriet Hili rabat għal dejjem ismu mal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ li huwa l-veru iben dehen tagħha. Kien l-Arċipriet Hili mar-rieda żonqrija ta' l-aħwa Portelli, Mons. Teżorier Franġisku u GĠużeppi, li fasslu l-pjanti tn-navi, sqaf ġdid 'troll di bomba', koppla u l-arzelel tal-kappelluni.Li kienu ma kienx l-Arċipriet Hili u l-aħwa Portelli, kieku m'aħniex ingawdu t-tempju monumentali u artistiku ta' San Ġorġ. It-tempju monumentali ta' San Ġorġ huwa tassew gawhra tal-barokk b'qisien l-iktar proporzjonati.

L-Arċipriet Hili u l-aħwa Portelli ħarġu flus minn buthom biex taw lil San Ġorġ binja l-iktar arkitettonika. Fil-bini tan-navi l-Arċipriet Hili kien ħareġ mitejn lira għaż-żewġt iġnbieb tan-navi. Barra minn dan kien ħallas is-somma ta' erba' mitt lira għall-bini kollu tal-koppla dominanti li ssebbaħ il-panorama tal-Belt Victoria.

Kien il-maħbub Arċipriet Hili li mill-flus li daħħal meta kien membru Parlamentari fl-1921 ħallas għall-apparat tal-bellus b'rakkmu ta' ħjut taddeheb maħdum f'Lyon fi Franza. Kien ukoll l-Arċipriet Hili li ħallas minn butu l-apparat tal-festa tal-Kwaranturi bili għamel 24 pjaneta stil Ruman, 7 kapep u 3 tuniċelli. Xtara minn Malta baldakkin kollu rakkmu fil-paletti. Kemm l-apparat kif ukoll il-baldakkin għadhom joħorġu kull sena fil-festa tal-Kwaranturi.

Fi żmienu u bis-saħħa tiegħu kien sar it-tużell tal-Kwaranturi u l-ġirandola fuq disinn ta' Abraham Gatt minn Bormla. It-tużell tal-festa ta' San Ġorġ kien sar ukoll fi żmien l-Arċipriet Hili u nħadem ir-Rabat ta' Malta madwar is-snin 1922/23. Illum it-tużell tal-kwaranturi u l-ġirandola jinsabu fil-Parroċċa ta' San Pietru tal-Ktajjen f'Birżebbuġa u t-tużell tal-festa ta' San Ġorġ jinsab fil-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu.

Kien l-Arċipriet Hili u bis-saħħa ta' Mons Teżorier Franġisk Portelli li l-kampnari tal-Bażilika tagħna huma mżejnin b'sett ta' qniepen kbar, l-ikbar f'GĦawdex, li meta jħollu l-sienhom u jdoqqu jimlew ir-Rabat kollu b'armonija melodjuża u juru li hija tassew festa. Ir-raba' qampiena ġġib l-isem ta' "Alfonsa" u ġiet mħallsa mill-Arċipriet Hili. Kien ukoll l-Arċipriet Hili li fis-sena 1930 wera x-xewqa tiegħu lis-Surmast Direttur tal-Banda La Stella, Mro. Giuseppe Giardini Vella, biex jikkomponi innu lil San Ġorġ. Dan il-kapolavur ta' Mro. Giardini Vella żżanżan fiil-festa ta' San Ġorġ tas-sena 1931.

U biex it-tifkira ta' l-Arċipriet Hili ma tgħibx, ulied il-Parroċċa Bażilika u Kolleġġjta ta' San Ġorġ ħasbu biex iwaqqfulu monument għal dejjem ,tal-bronż u rħam, biex ta' warjna jkunu jafu min huwa l-Arċipriet Hili, xempju ħaj għas-saċerdoti u għal popli : saċerdot għaref, umli u karitattiv u żelanti. Veru mexxej li b'imħabba għal kulħadd u għad-dekor tad-Dar t'Alla għaraf iqassam sewwa ġidu. Għalhekk it-tifkira tiegħu tibqa' għal dejjem. ■

## LILL-ARĊIPRIET MONS ALFONS MARIJA HILI – *poeżija tal-Kan Joe Mejlak*

Minn qalbi llum irrid jien insellimlek,
Għawdxi mill-kbar u Saċerdot ta' Kristu,
għaliex qed nisthajjilni nħossok ħdejja
f'dil-lejla ta' tifkira w ta' memorja
illi l-Ġorġjani xtaqu hawn iwettqu
f'das-seħer ta' Jannar, ikoll annuna.

Xi wħud jiftakruk sew, oħrajn mill-inqas,
iżda min ma jafekx, żgur sema' b'ismek,
għaliex warajk ħallejt isem mill-aqwa,
isem li ssokta jidwi sewwa f'moħħna,
jidwi mal-Belt Victoria, imma l-aktar
fil-Knisja ta' San Ġorġ, f'qalb il-Ġorġjani.

Qaluli, Dun Alfons, li min ċkunitek
urejt għaqal u għerf mhumiex tas-soltu
u bħal kjerku ġewwa s-Seminarju
kont il-mudell ta' sħabek, ġawhra sbejħa.
U kbirt u ndlikt qassis, il-ħolma tiegħek,
umli fil-moħħ u qalb u fl-aġir ħlejju.

Tħobb 'il kulħadd w għalhekk kulħadd iħobbok,
għall-fqir u għall-batut missier ta' ħniena,
mingħajr waqfien tġin lil min jiġi għandek
jittalleb biċċa ħobż jew elemożna
b'għajnejh mgħarrqa fid-dmugħ għax qed ibati
il-ġuħ u l-għatx, il-għera wkoll iċ-ċaħda.

Ħabbejt mhux biss lill-parruċċani tiegħek
imma ħabbejt ukoll lill-Għawdxin kollha
meta fil-Parlament il-poplu għażlek
biex tkun missier li jħares lill-uliedu
mhux biss fil-ħwejjeġ l'huma spiritwali
'mma materjali wkoll għall-ġid ta' ħutek.

Predikatur magħruf, imfittex sewwa,
kont tiġri 'l hawn u 'l hinn mal-Għejjer tagħna,
tħabrek biex twassal f'widnejn min jisimgħek
il-Kelma t'Alla u l-Vanġelu tiegħu;
u nies titgħaxxaq bik, ferħana tisma'
ħiereġ minn fommok għasli kliem is-Sema.

X'pariri sbieħ, ħelwin, kont dejjem tagħti
lil min f'riġlejk jintefa' sabiex jerġa'
mill-ġdid jitħabbeb m'Alla, l-Ħallieq tiegħu!
U direttur tal-ħajja spiritwali
timraħ u tħuf fl-Għaqdiet, tferrex il-balzmu
fost dawk il-membri li f'disgħajk jintelqu.

Benefattur mill-kbar tal-Maqdes tagħna,
b'imħabba ddedikat lil San Ġorġ Martri
fejn inti ħdimt, bla qatt ma ħarist lura
bħala Missier, Rgħaj ta' l-Erwieħ, bil-għożża,
maħbub mill-parruċċani ta' l-imgħoddi
ukoll ta' żmienna, minqux f'qalbna għal dejjem.

Imħabba kbira lejn Ġesu' f'Misteru,
moħbi fl-Ewkaristija, l-għaxqa tiegħek;
w imħbba lejn San Ġorġ, il-Patrun tagħna,
kellek lieżma ġo qalbek, u int urejtha
għax fittixt illi tkabbar b'qawwa
iż-żelu w l-għożża f'qalb il-poplu Rabti.

Mill-ġdid jien insellimlek, għax int tagħna
tibqa' il-ġieħ u ż-żina u tal-Kleru
ħemm ġewwa qalbna sa ma s-snin itemmu
jibqa' b'ittri tad-deheb minqux bla temma -
biex nistgħu ngħaddu darba lil uliedna -
l-isem maħbub t'Alfons Marija Hili

# IL TROVATORE
## fit-Teatru Astra

Ghat-tieni darba f'dan l-istaġun teatrali, l-Management tat-Teatru Astra qed joffri l-opportunita' lid-dilettanti ta' l-opra lirika f'dawn il-għejjer li jgawdu produzzjoni oħra operistika ta' livell għoli, bis-sehem ta'kantanti u mużiċisti barranin.

Inkuraġġit mis-suċċess li kiseb f'Ottubru li għadda bl-opra **Turandot,** it-Teatru Astra iddeċieda li jtella' l-opra **Il Trovatore ta' Giuseppe Verdi.** Produzzjoni ġdida ta' din l-opra grandjuża se tiġi preżentata fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 27 t'April. Minħabba d-domanda kbira li qed ikun hemm ta' kull darba li ssir l-opra fit-Teatru Astra, il-Management diġa ħaseb li jtella' rappresentazzjoni oħra; din se ssir nhar it-Tlieta, 30 t'April, lejlet l-Ewwel ta' Mejju, festa pubblika.

Grupp ta' madwar 75 persuna ser jinġiebu minn barra għal din l-opra, il-biċċa l-kbira mill-Italja. Il-grupp jinkludi kantanti, mużiċisti u t-tekniċi ta' wara l-palk. Il-kantanti mistennija jaslu Malta nhar il-Ġimgħa, 19 t'April biex flimkien mal-Kor ta' l-Opra tat-Teatru Astra jagħmlu l-aħħar tħejjijiet għall-opra.

Il-partijiet ewlenin ta' Il Trovatore ġew asenjati lil erba' mill-aqwa kantanti operistiċi li rajna f'Malta u Għawdex f'dawn l-aħħar snin. Dawn huma **s-Sopran Eva Urbanova, il-mezzo sopran Ivanka Ninova, it-tenur Aurelio Santalena, u l-baritonu Ettore Nova.**

**Eva Urbanova** kienet Malta aktar kmieni din is-sena għal Kunċert Vokali li sar fit-Teatru Manoel, taħt id-direzzjoni ta' **Mro. Joseph Vella.** F'dan il-Kunċert, Eva ma ħalliet l-ebda dubju 'l għala hija meqjusa bħala ir-"reġina" ta' l-opra lirika f'pajjiżha.

**Ivanka Ninova** ħadet sehem f'żewġ opri fit-Teatru Astra, ***La Forza del Destino u Nabucco.*** Fiż-żewġ produzzjonijiet ħarġet bl-unuri kollha.

**Aurelio Santalena** kien strumentali fis-suċċess li nkiseb fit-**Turandot;** certament wieħed mill-aqwa tenuri li dehru fuq il-palk tat-Teatru Astra.

**Ettore Nova** wkoll m'huwiex ġdid fit-Teatru Astra. Ħafna ghadhom jiftakru l-interpretazzjoni eċċellenti li kien ta fil-parti ta' **Amonasro** fl-opra immortali **Aida** li saret fl-1988.

Element ieħor li jiggarantixxi suċċess hija l-orkestra. Anke din id-darba se jkollna x-xorti li ngawdu għal darba oħra l-**Accademia Filarmonica di Firenze,** l-istess Orkestra li ħadet sehem fit-**Turandot.** L-Orkestra se tkun taħt id-direzzjoni għaqlija ta' **Mro.**



*IVANKA NINOVA*



*ETTORE NOVA*

**Joseph Vella,** waqt li l-produzzjoni hija afdata f'idejn **Sergio Marchini,** reġista tat-Teatru ta' l-Opra ta' Mantova.

**Il Trovatore** ser tiġi preżentata bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Mid-Med Bank. Il-Booking għaż-żewġ rappreżentazzjonijiet jiftaħ is-Sibt 30 ta' Marzu.



*Maurizio Marchini, id-Direttur Artistiku ta` "IL TROVATORE" kien Għawdex aktar kmieni dan ix-xahar biex segwi mill-qrib l-aħħar tħejjijiet għall-opra. Hawnhekk hu jidher fuq il-palk tat-Teatru Astra flimkien ma` Mro. Joseph Vella, id-direttur Mużikali ta` "IL TROVATORE". Maurizio Marchini huwa r-Reġista esidenti fit-Teatru ta` l-Opra ta` Mantova.*



## Cassette Tape ta' Marċi Funebri mill-Banda La Stella

**"TRISTIS HORA"** huwa l-isem ta' Cassette Tape ġdid ta' Marċi Funebri li l-Banda Ċittadina La Stella għadha kif ħarġet fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Cassette jiġbor fih is-sett ta' Marċi Funebri li l-Banda La Stella ddoqq fil-purċissjoni devota tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ, l-eqdem purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex.

Tnejn mill-Marċi f'dan il-Cassette huma tas-Surmast Direttur tal-Banda Joseph Vella. dawn huma ***"In Memoriam Richard Ellis"***, u ***"In Memoriam Victor Attard"***. Marċi oħra ħarġu mill-pinna ta' G. Giardini Vella, R. Caravaglios, P. Arnaud, E. Bugeja, C.P. Baldacchino u J. Lozzi.

***"Tristis Hora"***, it-tnejn u għoxrin cassette tape li ħarġet il-Banda La Stella, jinsab għall-bejgħ mill-Każin La Stella kif ukoll mill-ħwienet ewlenin tad-diski f'Malta u Għawdex.